# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

**Udjenza ta' nhar il-Ħamis, 7 ta' Novembru 2024**

**Każ Nru: 1427/2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Vella)**

**vs**

**Guzeppi Muscat**
**(K.I. 0347741M)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuża miġjuba fil-konfront ta' Guzeppi Muscat, mwieled fit-12 ta' Mejju, 1941 il-Mellieħa, iben Ganni Muscat u Karmni Muscat *nee* Attard, detentur tal-karta tal-identità nru 347741M u residenti 125, Fl 8, Triq ix-Xatt, Gzira u ċioé:

> *Akkużati talli nhar s-7 ta' Marzu, 2023, fil-ġimgħat u x-xhur preċedenti ġewwa dawn l-Gżejjer Maltin: B'diversi atti, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda (Art.18 Kap.9):*

1. *Bħala sid il-kera jew amministratur tal-fond Tom's Court, Fl 15, Sqaq Taliana, Gzira, bi ksur tal-liġijiet u regolamenti applikabbli, nqast li tirreġistra l-kirja tal-imsemmi fond lil Julie Lindemann Skov mal-Awtorita' tad-Djar. Art.3, 4, 4(2) Kap.604, Art.22(1) Kap.604.*

*Ghaldaqstant, il-Qorti hija mitluba bir-rispett tordna lill-ħati, ai termini tal-Artikolu 22(1) Kap. 604 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex iħallas il-penali skont il-Ligi, għar-ragunijiet hawn fuq speċifikati u cioe' multa ta' mhux inqas minn elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500) u mhux aktar minn għaxart elef Ewro (€10,000).*

Rat dak li seħħ fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2024[1] meta ma seta' jsir xejn għaliex ma deher ħadd għall-Prosekuzzjoni.

Rat dak li seħħ fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2024[2] meta nstemgħet ix-xhieda ta' Mario Magro.

Rat dak li seħħ fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2024[3] meta nstemgħet ix-xhieda ta' Julie Lindemann Skov u tal-imputat. Dakinhar seħħet ukoll it-trattazzjoni finali u l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti proċesswali kollha.

[1] Verbal relattiv tinsab a fol 6 tal-proċess.
[2] Verbal relattiv jinsab a fol 8 tal-proċess.
[3] Verbal relattiv jinsab a fol 33 tal-proċess.

**Ikkunsidrat**

1) **Fatti u provi**

Illi din il-kawża tikkonċerna n-nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' skrittura ta' kera skond dak li jrid il-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed Mario Magro, rappreżentat tal-Awtorità tad-Djar[4]. Jispjega li huwa jaħdem fis-sezzjoni tal-infurzar mal-istess Awtorità. Dwar dan il-każ, jispjega li ċertu Julie Lindemann Skov kienet għamlet kuntatt magħhom sabiex tara jekk il-kuntratt ta' kera relattiv kienx wieħed reġistrat. Mir-riċerka li għamlu nstab li fil-fatt ma kienx reġistrat. L-allegata inkwilina riedet tiftaħ proċeduri quddiem il-Panel tal-Arbitraġġ maħluq mill-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda peress li ma kienx hemm kuntratt reġistrat, dawk il-proċeduri ma setgħux jinfetħu hemmhekk. Spezzjoni ma saritx għaliex l-Awtorità ġiet infurmata li l-kirja kienet intemmet u li hija telqet mill-propjetà. Jgħaddi sabiex jeżebixxi dokumentazzjoni relattiva inkluż kopja tal-kuntratt u korrispondenza. In kontro-eżami[5] jgħid li mit-tfittxija li għamlu ma rriżultax li kien hemm kuntratt ieħor. Il-verifika issir billi jsir eżami tan-numri tal-Karta tal-Identità, isem sid il-kera, posta elettronika ta' sid il-kera, l-indirizz u bid-dati.

Illi xehdet ukoll Julie Lindemann Skov[6]. Filwaqt li tagħti l-indirizz tal-fond u tagħraf lill-imputat fl-awla, tispjega li l-imputat kien sid il-kera tagħha. Hija tikkonferma l-kuntratt ta' kera eżebit fl-atti, kif ukoll il-firem fuq l-istess. Il-kera

[4] Xhieda mogħtija fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2024 u tibda a fol 13 tal-proċess.
[5] Imwettaq ukoll fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2024 u jibda a fol 15 tal-proċess.
[6] Xhieda mogħtija fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2024 u tibda a fol 34A tal-proċess.

kienet ta' elf Ewro (€1000) fix-xahar, mija u ħamsin Ewro (€150) għas-servizz ta' dawl u ilma u xi tletin Ewro (€30) għas-servizz tal-internet. Il-kuntratt ġie iffirmat fil-preżenza ta' xi agent minn Quicklets u tal-imputat. Il-kera kienet titħallas direttament lill-imputat. In kontro-eżami[7] tispjega li hija tterminat il-kuntratt fl-4 ta' Frar 2023 għaliex sabet post aħjar. Wara li telqet mill-fond għamlet kuntatt mal-Awtorità tad-djar. Taqbel li ġiet infurmata li setgħet tirreġistra l-kirja hi stess. Kien hemm kwistjonijiet relatati mal-kirja, u tikkonferma li ma kienx hemm inventarju. Mistoqsija mill-Qorti tikkonferma li l-kirja bdiet fl-4 ta' Lulju 2022, kien kuntratt ta' sena u hija telqet wara seba' xhur. Tgħaddi sabiex teżebixxi dokumentazzjoni relatata mal-pagament magħmula lill-imputat. Il-kuntratt relattiv ġie wkoll imressaq *animo ritirandi.*

Illi finalment xehed ukoll l-imputat[8]. Jgħid li l-fond huwa wieħed ġdid u huwa qabbad aġenzija sabiex issib xi inkwilin. Wara li daħlet l-għamara l-ġdida, instabet l-inkwilina u sar il-kuntratt. Huwa jgħid li qabbad lil ċertu Graziella minn ta' QuickLets sabiex tirreġistra l-kera. Jgħid li dak li seħħ kien biss malintiż. Jgħid li wara li telqet Julie, daħal inkwilin ieħor u dak il-kuntratt ġie reġistrat.

**2) Mertu**

Illi qabel xejn din il-Qorti tissenjala li hija taqbel ma sentenzi oħra dwar ir-rekwiżiti ta' dan ir-reat u ċioé li sabiex jiġi ppruvat dan ir-reat ma hemmx ħtieġa li wieħed jeżamina l-intenzjoni kriminuża għaliex huwa reat li min-natura tiegħu jitqies bħala wieħed ta' *strict liability*[9]. Din il-Qorti issa kemm il-darba stqarret

[7] Imwettaq fl-istess seduta u jibda a fol 34E tal-proċess.
[8] Xhieda magħmula fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2024 u tibda a fol 84 tal-proċess.
[9] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs James Sammut *et***, mogħtija minn din il-Qorti kif hemm preseduta nhar is-27 ta' Marzu 2023. Għal dak li jiswa mbagħad, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tagħha fl-ismijiet **The Police vs Maruizio D'Apice,** deċiża

dan, għaliex ir-reat hawn kontemplat għandu jitqies bħala *regulatory offence*[10] u jiskatta fil-ħin u l-mument li jgħaddu l-għaxar t'ijiem li tagħti l-liġi għar-reġistrazzjoni[11]. Il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) wkoll aċċettat li din hija n-natura vera tal-offiża hawn mistħarrġa. Issir referenza (u l-Qorti qiegħda tiddeċiedi li tagħmel dan fil-korp ta' din is-sentenza u mhux f'notament t'isfel) għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Manuela Tabone Micallef,** (App Nru: 288/2023) mogħtija nhar il-24 ta' Mejju 2024 fejn dik il-Qorti qalet hekk:

> *"Illi l-appellanti hawn għandha żball. Dan għaliex minn imkien mis-sentenza appellata ma jidher illi l-Ewwel Qorti qieset li kien hemm xi forma ta' premeditazzjoni fl-aġir tagħha. Qieset ġustament l-Ewwel Qorti, illi peress illi għar-reat addebitat lill-appellanti għandu japplika l-prinċipju tal hekk imsejjaħ 'strict liability', kwindi tonqos il-ħtieġa li jkun hemm l-element formali għalbiex tirriżulta l-ħtija, billi għal dawn it-tip ta' reati l-att materjali waħdu huwa biżżejjed għal konsumazzjoni tiegħu mingħajr ma jkun hemm l-element intenzjonali kriminuż, bil-persuna mputata bir-reat, madanakollu jkollha il-jedd tqanqal dawk id-difiżi li jidhirlha xierqa sabiex teżimi ruħha mir-responsabbilta' penali, ħaġa li l-appellanti tonqos milli tagħmel. Ifisser għalhekk illi bil-fatt waħdu li fl-ewwel lok il-kirja ma kenitx irreġistrata, u fit-tieni lok l-kuntratt tal-kera kien nieqes minn wieħed mir-rekwiżiti essenzjali tiegħu għal fini ta' reġistrazzjoni, kwindi ir-reat jirriżulta ippruvat, bl-appellanti ma tressaq ebda prova kuntrarja sabiex teżimi ruħha mill-ħtija."*

---

nhar is-27 ta' Ottubru 2023 (mhux appellata) u dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Josef Ellul,** mogħtija minn din il-Qorti nhar il-24 ta' Ottubru 2024 (mhux appellata).

[10] Għal definizzjoni tajba ta' dan it-terminu, fost diversi, ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dylan Grech,** (app Nru: 371/2023) mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar it-28 ta' Awwissu 2024.

[11] L-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk: *"Għandu jkun* ***dmir*** *ta' sid il-kera li jirreġistra, fi żmien għaxart (10) ijiem mill-bidu tal-kirja, il-kuntratt ta' kiri residenzjali privat mal-Awtorità"*

Illi bl-istess mod, issir ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Farrugia *et***[12] li kompliet tħaddan u tikkonferma dan ir-raġunament.

Illi allura filwaqt li hija ammessa d-difiża tal-iżball raġunat, jingħad fl-ewwel lok li l-oneru kien fuq l-imputat li jikkonvinċi lill-Qorti, sal grad tal-probabbli, li huwa kkommetta żball essenzjali u inevitabbli, fis-sens li kellu juri li huwa utilizza il-prudenza u diliġenza kollha meħtieġa sabiex ir-reat ma jseħħx[13].

---

[12] Mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar it-30 ta' Ottubru 2024.

[13] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Claydon Mifsud, (App Nru: 8/ 2023)** mogħtija mil-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar is-26 ta' Settembru 2023 fejn ġie amplifikat hekk: *"Skont il-Professur Mamo il-każijiet ta' 'strict liability' jammettu wkoll difiża fuq 'reasonable mistake of fact'. Ġurisprudenza kostanti tqis li mhux kull 'żball' jew 'mistake of fact' huwa ammess bħala difiża biex wieħed jeżimi ruħu mir-responsabilita' kriminali dwar ksur ta' xi liġi. Dan l-iżball irid ikun wieħed essenzjali nonche' li jolqot wieħed mill-elementi essenzjali tar-reat u jrid ikun ukoll inevitabbli tant li anki jew huwa juża' d-diliġenza u l-prudenza kollha meħtieġa, xorta waħda kien jaqa' f'dan l-istess żball. Huwa biss jekk l-akkużat jirnexxilu jipprova dawn iż-żewġ elementi li tiġi newtralizzata rresponsabilita' kriminali. Fl-appell kriminali Il-Pulizija vs. Hadrian Busietta deċiż nhar it-28 ta' April 2010 ġie ritenut: Din il-Qorti ma taqbilx. Apparti li zball ta' fatt, biex jinnewtralizza rresponsabbilta` penali, irid ikun zball 'essenzjali' (jigifieri zball dwar xi wiehed mill-elementi mehtiega ghall-ezistenza tar-reat – f'dan il-kaz ma hemmx kontestazzjoni dwar l-essenzjalita` ta' l-izball), fil-kaz tar-reat kontemplat fl-Artikolu 3(1) in dizamina jrid ikun ukoll zball 'inevitabbli', cioe` li ma setax jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni normali. "Din il-Qorti ma taqbilx. Apparti li zball ta' fatt, biex jinnewtralizza r-responsabbilta` penali, irid ikun zball 'essenzjali' (jigifieri zball dwar xi wiehed mill-elementi mehtiega ghallezistenza tar-reat – f'dan il-kaz ma hemmx kontestazzjoni dwar lessenzjalita` ta' l-izball), fil-kaz tar-reat kontemplat fl-Artikolu 3(1) in dizamina jrid ikun ukoll zball 'inevitabbli', cioe` li ma setax jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni normali. . Hekk ukoll fl-appell kriminali Il-Pulizija vs. Rennie sive Nazzareno Agius deċiż nhar il-11 ta' Lulju 2002, ġie mistqarr: Illi umbaghad dik il-parti tal-motivazzjoni tas-sentenza appellata fejn intqal li l-Libjan waqqa' lill-appellat fi zball , li ovvjament qed tirriferi ghal zball ta' fatt jew "mistake of fact" , ukoll ma tidhirx accettabbli , ghaliex biex zball ta' fatt ikun skuzanti fil-kaz tad-dritt penali , hemm bzonn li mhux biss ikun zball ta' natura essenzjali , imma irid ikun "INEVITABBLI" (emfasi tal-Qorti). Jigifieri anki kieku l-appellat verament emmen li l-libjan kellu permess jew licenzja biex jahdem hawn Malta u mhux biss kellu passaport biex ikun Malta , dan it-twemmin zbaljat ma kienx wiehed inevitabbli . Ghaliex kif jghid l-istess Prof. Sir. Anthony Mamo (ibid. p. 98):- "The mistake must be 'inevitable' , that is, such that it could not be avoided by the exercise of reasonable care.*

Illi għalhekk **l-intenzjoni** tal-imputat, ma tiċċentra xejn u hija difiża bla fejda għalih[14].

Illi huwa t'interess (f'dan il-każ wieħed purament akkademiku għaliex ir-reat hawn diskuss irid ovvjament jiġi eżaminat skond kif kien fiż-żmien tal-allegat ksur tiegħu) li riċentement, l-leġislatur ħass il-ħtieġa li jispeċifika li min jidħol f'kuntratt mhux validu jista' jitressaq bi ksur tal-Kapitolu 604 għal dak in-nuqqas biss[15]. Fil-fatt **illum** (u jerġa jingħad din id-dispożizzjoni ma ssibx applikazzjoni fil-każ tal-lum) l-artikolu 22(1)(a) tal-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

---

[14] Fost oħrajn, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andy Buttigieg,** (App Nru: 209/2022) mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar is-26 ta' Jannar 2023 fejn ġie spjegat hekk: *".... il-Qorti ma tistax taqbel mal-appellant fejn dan jivvanta kif ma setax jinstab ħati ta' dawn ir-reati lilu imputati minħabba n-nuqqas li jiġi ppruvat l-element formali tar-reat. Fl-insenjamenti tal-Professur Mamo, reati li jitqiesu 'strict liability offences' huma eċċezzjoni għar-regola 'actus non facit reum nisi mens sit rea'. Jgħid hekk imbagħad fuq dan il-kunċett: Strict liability offences do not require proof of fault and provide for a defence of an honest and reasonable mistake of fact. It is generally considered justified to impose strict liability to protect public health, safety and the environment. It may also be imposed for regulatory offences. The general principle is that strict liability may be imposed where a person is placed on notice to guard against the possibility of inadvertent contravention.. Il-Professor Mamo jgħallem ukoll: 'In determining whether an Act does create this more stringent prohibition, regard must be had to the object of the statute, the words used, the nature of the duty, the person upon whom it is imposed, the person by whom it would in ordinary cases be performed, and the person upon whom the penalty is imposed. In general, where the words of a modern statute amount to an absolute prohibition of a certain act without any reference to the state of mind of the actor, 'mens rea' is not an essential ingredient of the offence; and in such a case any inquiry as to the intent which actuated the accused would be immaterial – except, perhaps, with a view to the mitigation of the punishment. (Blake-Odgers, op.cit. Vol I. 114). (page 73 ). 32. Ikun għalhekk ifisser illi fejn il-Leġislatur ried li jimponi regoli stringenti sabiex jinfurza aħjar ċerti projibizzjonijiet, il-formula adoperata mil-Liġi tkun tali li ma tippermettix deroga minn tali regoli. U huwa mit-test tal-Liġi stess li jemerġi kif is-sanzjoni hemmhekk ikkontemplata u r-reita' għall-ksur tal-istess tiskatta mal-mument illi jiġi ppruvat fattwalment kif ikun hekk sar dak il-ksur. U allura l-istat mentali tal-aġent tar-reat ma jkunx element essenzjali li jrid jiġi ppruvat hekk kif il-ksur innifsu jammonta għar-reat komplut u integrat. Biss, il-kunċett ta' 'strict liability' a differenza ta' dak ta' 'absolute liability', jippermetti ċerti difiżi lill-akkużat u dan kif diġa' intqal."*

[15] Permezz tal-Att XX tas-sena 2024 seħħew emendi kemxejn estensivi fil-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta' Malta.

(1) *Kull persuna li: (a) tinstab tikkonċedi kwalunkwe dar ta' abitazzjoni, jew kwalunkwe spazju separat ġewwa dar ta' abitazzjoni, għal skop residenzjali, lil xi persuni li ma jkunux is-sidien tad-dar ta' abitazzjoni u li jkunu qegħdin jokkupaw id-dar ta' abitazzjoni mingħajr titolu validu ta' kera,* ***għar-raġuni li l-ftehim ta' kiri ma jissodisfax ir-rekwiżiti bil-miktub ad validitatem fi ftehim ta' kiri*** *jew li għalkemm jissodisfa r-rekwiżiti bil-miktub ad validitatem ma ġiex reġistrat skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;* ***(enfasi tal-Qorti).***

Illi huwa ovvju għal din il-Qorti li din l-emenda seħħet propju sabiex dik l-interpetazzjoni unika mogħtija f'dik is-sentenza ma terġax tirrepeti ruħa[16].

Illi lura għal każ tagħna, il-Prosekuzzjoni irnexxielha mingħajr dubju turi kemm l-eżistenza ta' dan il-kuntratt (għad-differenza ta' każijiet oħra, l-Qorti kellha quddiema l-inkwilina li tat xhieda dettaljata u linjari) u n-nuqqas ta' reġistrazzjoni tiegħu. Dan huwa wkoll ammess mill-istess imputat. L-imputat jipprova jgħid li huwa ħalla f'idejn l-aġent fir-rigward tar-reġistrazzjoni.

Illi madanakollu, din m'hijiex raġuni tajba. Il-liġi titkellem u tpoġġi l-oneru tar-reġistrazzjoni fuq **sid il-kera** u mhux fuq xi aġent. Wara kollox, l-istess imputat wera li ġie reġistrat kuntratt ieħor fuq il-fond (ma persuna oħra) u dan minnu stess

[16] Ir-referenza hija għas-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Ruth Vella Galea,** (App Nru: 3/2022) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar it-12 ta' Diċembru 2022.

mingħajr ebda xkiel. Għalhekk, l-iżball li jħalli f'idejn l-aġent[17] ma jistax jingħad li kien wieħed inevitabbli jew essenzjali.

Illi rriżulta ċar u mhux kontradett li dan il-kuntratt ma ġiex reġistrat. L-element materjali tar-reat ġie b'daqshekk sodisfatt.

Illi l-istess jingħad għaż-żmien tal-akkuża hawn eżaminata[18]. Għad lid-difiża tisħaq li l-akkuża ħarġet b'parametri temporali ħżiena, din il-Qorti ma taqbilx. Ir-reat skatta wara li kienu għaddew l-għaxar t'ijiem mill-bidu tal-kirja, u baqa' hekk jipperdura tul il-kirja kollha. Wara kollox, ir-reat jitkellem dwar akkuża li seħħet fis-7 ta' Marzu 2023 u fil-ġimgħat u x-xhur preċedenti. Issa, huwa minnu li fid-data tas-7 ta' Marzu 2023 kienet daħlet tgħix persuna oħra fil-fond, b'kuntratt reġistrat, iżda kif ingħad, ir-reat beda' fil-ħdax il-ġurnata wara l-bidu tal-kirja[19].

Illi finalment jingħad, għaliex issa din il-Qorti kellha biżżejjed okkażjonijiet teżamina kawżi bħal dawn, li kwistjonijiet relatati mar-raġuni għat-terminazzjoni, jew l-atteġġjament ta' xi inkwilin waqt it-tmexxija tal-kirja huma kwistjonijiet totalment estranji għal proċeduri bħal dawn. Kwistjonijiet ċivili ma jiċċentraw xejn u huma dejjem indipendenti minn dan ir-reat.

---

[17] Irid jingħad li mill-komunikazzjoni eżebita, din l-aġenta tidher li lanqas biss aċċettat li kellha tirreġistra l-kuntratt.
[18] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sacha Said,** mogħtija minn din il-Qorti kif hemm preseduta nhar il-20 ta' Ottubru 2022.
[19] Ħdax il-ġurnata wara l-4 ta' Lulju 2022.

Illi għalhekk din il-Qorti ma tistax ħlief issib lill-imputat ħati.

**3) Piena**

Illi l-liġi tagħti diskrezzjoni wiesgħa[20] dwar il-multa li l-Qorti tista' timponi. F'dan il-każ, il-Qorti ma tqisx li għandha tmur għall-minimu assolut għaliex l-argumenti tal-imputat ma ġewx imħaddna minn din il-Qorti. Għalhekk, meta l-Qorti tqis id-durata tal-kuntratt u l-ammont ta' kera mħallas fuq il-kuntratt mhux debitament reġistrat, issib li għandha timponi multa ta' erbat elef Ewro (€4,000).

**4) Konklużjoni**

Għaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikoli 3, 4, 4(2) u 22 tal-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u qiegħda tikkundanna lill-ħati iħallas multa ta' erbat elef Ewro (€4,000), li għandha titħallas immedjatament.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

---

[20] Il-minimu tal-multa huwa ta' elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500) sa massimu ta' għaxart elef Ewro (€10,000).